# Id-Dgħajes tal-latini

## M. Assunta Grima

Id-dgħajjes tal-latini ħadu dan l-isem mill-kelma lateen, li tfisser għamla ta' qlugħ li jintuża fid-Dgħajjes jew bastimenti li jivjaġġaw fil-baħar Mediterran.

Il-bidu tagħhom aktarx kien fis- sena 1880 u b' kollox damu kważi mitt sena. L-ewwel dgħajjes tal-Latini kienu żgħar imma maż-żmien meta x-xogħol tal-ġarr tal-merkanzija bejn Malta u Għawdex żdied kien meħtieġ li dawn id-dgħajjes jaħdmu bil-magni biex jaslu malajr. Għalhekk ġibduhom waħda waħda fuq ix-xtajta tal-Imġarr u fihom għamlu post fejn ipoġġu l-magna u l-bejta fejn ipoġġu l-iskrun. Imma l-qlugħ kien għadu jintuża, jekk il-magna tieqaf u b'hekk kienu jkomplu l-vjaġġ. Dak iż-żmien id-dgħajjes tal-latini kienu ħdax-il waħda u isimhom kienu dawn – Stella Maris, Sagra Familja, Govanna Madre, Concetta Immakulata, Marija Madre, Santa Govanna d'Arco, Virgo Lauretana, San Antonio, San Pietru Pawl, Santa Marija u Kristu Re.



Matul il-gwerra dawn id-dgħajjes kienu jaħdmu f'periklu kbir. Darba waqt li d-dgħajjes S.Pietru Pawl u Stella Maris kienu jaqsmu bejn il-port il-kbir u l-Imġarr laqtu "mine" u tfarrku. B'xorti ħażina ħames baħrin tilfu ħajjithom u l-oħrajn sfaw feruti serjament u ġew salvati mill-baħar. Ġrajja oħra li seħħet matul il-gwerra tal-1939 – 1945 kienet meta d-dgħajsa Govanna Madre kienet iġġorr xi provisti tal-ikel mill-Marfa għall-Imġarr, ġiet attakkata minn ajruplan Ġermaniż. X'uħud mill-baħrin qabżu l-baħar, biex isalvaw, oħrajn niżlu fl-istiva u ġew feruti gravi, imma għall-grazzja t'Alla ħadd ma ntilef. Minħabba l-attakki tal-gwerra dawn id-dgħajjes waqfu mis-servizz, imma kien hemm skuna li kienet ferm akbar mid-dgħajjes tal-latini u tagħmel l-istess xogħol. F'Diċembru tas-sena 1941 din l-iskuna waqt li kienet taqsam bejn il-port il-kbir u l-Imġarr ġiet attakkata minn żewġ ajruplani Ġermaniżi. Xħin intlaqtet l-iskuna ħadet in-nar u baqgħet dieħla fuq ix-xtajta ta' Baħar iċ-Ċagħaq u kompliet tinħaraq. Kienu mietu erbgħa baħrin. L-oħrajn ġew salvati mis-suldati Ingliżi li kienu stazzjonati St. Andrews. Dawn id-dgħajjes kienu jaħdmu f'maltemp kbir. Darb' oħra fl-eqqel tax-xitwa d-dgħajsa S. Govanna d'Arco inqabdet f'maltempata mill-Grigal u kellha tidħol fil-bajja tal-Mistra, San Pawl il-baħar. Il-baħrin ta' din id-dgħajsa qabadhom biża' kbir u għamlu wegħda lill-Madonna Ta' Pinu biex teħlishom mill-għarqa. Il-Madonna semgħet it-talb tagħhom u salvathom.



B'ringrazzjament ta' dan, il-baħrin għamlu pittura tad-dgħajsa S.Giovanni d'Arco u ħaduha fis-sangristija tal-knisja ta' Pinu biex ixerdu d-devozzozjoni u għadha hemm sallum. Matul il-gwerra ż-żewġ dgħajjes Virgo Lawretana u Sagra Familja ġew mitluba mill-Militar Ingliż biex jgħatu servizz fil-port ta' Lixandra matul il-gwerra, bil-patt mas-sidien tagħhom li jekk issirilhom xi ħsara jerġa' isewwuhom u jekk jitkissru iħallashom tagħhom. Fil-fatt hekk ġara għax id-dgħajsa Virgo Lauretana tfarrket, u l-oħra Sagra Famiglia, wara li spiċċat il-gwerra, reġgħu ġabuha u saret it-tiswija tagħha u ġiet bħal qabel. Is-sid tad-dgħajsa Virgo Lawretana li kienet inqerdet ingħata kumpens tagħha mill-Militar. Wara l-gwerra saru 3 dgħajjes oħra li kienu nbnew fi sqallija. Dawn kienu Santa Rita, Mary Anne u Stella Maris. Din tal-aħħar ħadet isem Stella Maris li kienet inqerdet bil-mine.

Id-dgħajjes tal-Latini kienu jitilqu mill-Imġarr fl-4.30 ta' filgħodu. Meta kienu għadhom bil-qlugħ kienu jdumu madwar 3 siegħat sakemm jaslu l-port il-kbir. Imma meta bdew jaħdmu bil-mutur, kienu jieħdu madwar siegħa u nofs dejjem skond it-temp. Il-baħrin kellhom xogħol ta' tbatija. Qabel jitilqu mill-Imġarr fil-għodu kmieni kienu jgħabbu l-prodotti tal-biedja kif ukoll ħrief fniek, bajd u xi oġġetti oħra. Matul il-vjaġġ fix-xitwa l-baħrin kienu jixxarbu bix-xita u bir-raxx tal-baħar. Fl-eqqel tas-sajf kienu jixxarbu bil-għaraq. Meta jaslu x-xatt tal-Belt, kienu jħottu t-tgħabija li ġabu minn Għawdex u minflokha jgħabbu provisti tal-ikel u xi merkanzija għal Għawdex. Dan ix-xogħol kien isir kollu bl-idejn. Il-paga kienet miżerja u l-ħlas kien ikun skond kemm ikollu qliegħ is-sid tad-dgħajsa. Nofs il-qliegħ kien ikun għas-sid u nofs l-ieħor jinqasam bejn il-baħrin. Fix-xitwa meta l-baħar kien ikun qawwi, id-dgħajjes ma jaħdmux u l-baħrin jibqgħu mingħajr paga għal bosta ġranet.

Id-dgħajjes kienu waqfu mix-xogħol fiż-żmien il-gwerra u t-tgħabija kienet issir permezz ta' vapur żgħir li kien iġorr il-provisti għal Għawdex. Fis-sena 1944 id-dgħajjes reġgħu bdew jaħdmu. Ftit snin wara l-għarqa tal-Banċinu li seħħet fis-sena 1957, inbena breakwater fl-Imġarr minn kumpanija Taljana magħrufa Socomar. Dan jagħti kenn meħtieġ għad-dgħajjes u l-vapuri li bdew jaħdmu mill-Imġarr għall-port il-kbir u anke għal Sa Maison. Dawn il-vapuri qegħdin iġorru l-merkanzija bi trakkijiet, kontejners u anke vannijiet. Għalhekk sfortunatament id-dgħajjes kellhom jieqfu għal kollox għax il-vapuri moderni ħadulhom posthom.

Id-dgħajjes tal-latini kienu jsebbħu l-port tal-Imġarr u kienu mezz meħtieġ biex iġorru provisti tal-ikel għal Għawdex, l-aktar fi żmien il-gwerra. Imma kollox jasal it-tmiem tiegħu.



Il-baħrin tad-dgħajjes tal-Latini kellhom mistier ta' tbatija, imma kienu dedikati ħafna għax-xogħol. Kienu jafdaw f'Alla u fil-Madonna u dejjem għexu kuntenti mal-familji tagħhom.